MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Numru. 586/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**
**KONTRA**

**ANDREW BARTOLO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Andrew Bartolo ta' 60 sena, bin Francis u Rosina nee' Bartolo, mwieled Luqa fis- 16 ta' Gunju 1950, residenti fi 12, Charluc, Triq Karmnu Zammit, Zurrieq u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 578850M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F’ dawn il- Gzejjer bejn Gunju 2010 u Frar 2011, uza xi energija elettrika jew xi stallazzjoni, apparat, strument jew l- accessorji taghhom, provduti minn Enemalta, sew direttament jew indirettament, ghal ghanijiet diversi minn dak li ghalihom kienu provduti;

2) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ghamel approprjazzjoni bla jedd ta’ energija elettrika jew xi stallazzjoni, apparat, strument jew l- accessorji taghhom, provduti minn Enemalta, liema energija elettrika, stallazzjoni, apparat, strument jew l- accessorji taghhom, kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, u ghalhekk il-qorti qed issibu hati u sejra tghaddi minnufih biex taghti s-sentenza idoneja. Irrisulta li l-imputat kien qed jiehu servizz ta’ elettriku b’mod irregolari gewwa proprjeta’ tieghu, u fl-istqarrija tieghu indika lill-persuna li ghenitu jgib dan is-servizz illegalment. Il-Pulizija fil-fatt setghet tmexxi kontra terzi bis-sahha tal-informazzjoni li ta l-imputat, u dan dejjem ikkopera bis-shih mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom. Il-Qorti semghet ukoll lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena li ghandha tinghata f’dan il-kaz, u kien hemm qbil li l-imputat ma jimmeritax piena ta’ prigunerija. Ghalhekk il-Qorti sejra taghtih sanzjoni fil-komunita’ ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 44(1), (2), 46(1) tal- Kapitolu 272 u l- Artikoli 293 u 294 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18)- il xahar ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------